# QAWL QARRIEQI?

*Ta'* C. M. DECARO

(TIFSIRA XIERQA)

Kulħadd jaf li l-qwiel huma l-għerf bla miktub tal-ġnus u għalhekk ma jistgħux iqarrqu, billi s-sies tagħhom huwa mibni fuq it-tiġrib.

Aħna l-Maltin għandna qawl li għall-ewwel jidher li hu qarrieq, iżda mhux, kif infissru 'l quddiem. Fit-13 ta' Diċembru aħna ngħidu : il-lum, "Santa Luċija u l-jum jitwal pass ta' tarbija." Issa dan mhux minnu, il-għaliex il-jum ma jibdiex juri u jitwal xi ftit ħlief fit-23 ta' dak ix-xahar. Mela dal-qawl huwa ġiddieb?

Dit-taħbila, li donnha ma tistax titfisser, dejjem tatni x'nixtarr, iżda fl-aħħarnett irnexxieli nħollha meta ġie f'idejja ktieb fuq it-tiswija tal-"kalendarju"—jew, kif ngħidu l-lum, Almanakk, inkella Pronostku—li kien għamel l-imsemmi Papa Gregorju XIII fl-1582, bil-għajnuna tal-Patri ġeżwita Kristoforu Schlüssel (aktar magħruf bħala Clavius) u ta' l-astronomu u tabib Luigi Lilio, minn Napli.

Dawn iż-żewġ kbar għorrief, wara ħafna studju u taħbil ilmoħħ, intebħu li s-sena, skond id-dawran tal-qamar mad-dinja (lunazzjoni) kienet inqasmet ħażin u dan kien igħallat mhux ftit : għalhekk raw kif għamlu u waslu biex ftiehmu li jagħmlu Riforma—jiġifieri taqlib—fit-taqsim tal-Kalendarju. Meta kienet mitmuma, ressquha quddiem dak il-Papa, għall-kunsens Tiegħu, li għoġbitu qatigħ, u għalhekk huwa b'"Bolla" li ħareġ fl-24 ta' Frar, 1582 (*Inter gravissimas*) ġagħal li wara l-erbgħa ta' Ottubru ta' dik is-sena għandhom jitnaqqsu għaxart ijiem minn dak ix-xahar, u. hekk mill-erbgħa wieħed għandu jaqbeż għall-ħmistax ta' dak ix-xahar u hekk tnaqqsu wkoll mis-sena kollha.

Mill-isem ta' dan il-Papa l-kalendarju ġdid issejjaħ "Gregorjan", li l-lum jimxu fuqu, tista' tgħid, in-nazzjonijiet kollha.

Il-festi b'hekk tqiegħdu lura wkoll għaxart ijiem u Santa Luċija—li dari kienet taħbat sew sew fit-23 ta' Diċembru—imxiet lura sat-13 ta' dak ix-xahar.

Mela, "għal dak iż-żmien" il-qawl tagħna kienu minnu, l-għaliex fit-23 il-jum jibda tassew juri li jitwal xi daqsxejn, jew, kif igħid il-qawl, "pass ta' tarbija", jew, skond il-qawl Franċiż,

li qisu jaqbel ma' tagħna, "qabża ta' bergħud" (*A la Sainte Luce le jour croît du sant d'une puce*).

Għaddew madwar 360 sena mindu beda dak it-tibdil, iżda dak il-qawl għadu jseħħ sal-lum u aktarx jibqa' ħaj għall-medda tas-snin li ġejja: dan jurina bid-deher il-qawwa ta' l-azzar tal-qwiel.